MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 51/2003

**Visa Investment Limited**

**Vs**

**Raymond Mallia u Brian Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ Lm1,055.83c (elf u hamsa u hamsin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu) rapprezentanti import ta’ spejjez ghall-konsum ta’ elettriku maghmul mill-appartament imsemmija fl-istess talba flimkien ma’ import ta’ kera ta’ meter ta’ l-elettriku u dan ghall-perjodu ta’ bejn Gunju 1997 u Awissu 2000.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut Brian Bugeja qal li ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qabel ma giet ipprezentata din il-kawza s-socjeta’ attrici kellha thallas l-ispejjez ta’ kawza ohra li kienet ghamlet id-ditta

attrici liema kawza giet ikkancellata. Il-konvenut jghid ukoll illi la kellu x'jaqsam mal-konsum ta' l-elettriku u kiri tal-meter in kwistjoni u lanqas qatt ma ftiehem jew qabbad lis-socjeta' attrici sabiex thallas kont f'ismu.

Ra li Brian Bugeja pprezenta Kontro-Talba fejn talab Lm60 (sittin lira Maltin) bhala spejjez fil-kawza li semma fir-Risposta tieghu. Dan minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni.

Ra r-Risposta ta' Raymond Mallia fejn qal illi l-ammont mitlub kien gie debitament imhallas jew *set-off* ma' ammonti ohra dovuti hekk kif ser jigi ppruvat f'din il-kawza.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Mark Sammut, prodott mis-socjeta' attrici fejn jikkonferma li kien ghamel konvenju ma' Raymond Mallia sabiex jixtri flat. Jghid illi fil-kuntratt deher Brian Bugeja izda fil-flat kien joqghod Raymond Mallia. Sammut jghid li kienu ghamlu sub-meter mhux ta' l-Enemalta izda taghhom u ghalhekk hu kien jibghat il-kont lil Raymond Mallia. Jghid li meta gab id-dawl minghand l-Enemalta Mallia ma hallasx il-kont li gie esebit.

Fil-kontro-ezami jghid billi kien qed ihallas rata kummercjali talab il-hlas minghand Mallia bl-istess rata kummercjali. Jikkonferma illi Mallia kien jixtri hafna affarijiet minghandu kif ukoll hu stess kien jixtri minghand Mallia.

Ra x-xhieda ta' Raymond Mallia fejn jikkonferma li Brian Bugeja m'ghandux x'jaqsam f'din il-kawza. Jikkonferma wkoll li kien xtara l-imsemmi flat bl-*electrical installation* lest izda bla meter tal-Gvern. Jghid illi kien xtara sub-meter minghand E. Calleja & Sons u wahhlu mis-supply li kellha s-socjeta' attrici. Jghid illi ta depozitu ta' Lm100 (mitt lira Maltin) lis-socjeta' attrici ghall-ammont tal-konsum. Jikkonferma li kien hallas ukoll Lm163.75c (mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) lis-socjeta' attrici jew lil Mark Sammut. Jghid li ghalhekk

il-bilanc kien ta’ Lm125 (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin).

Jghid ukoll illi aktar tard kien ircieva kont ta’ Lm858.86c (tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) minghand is-socjeta’ attrici li Lm682.90c (sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltin u disghin centezmu) minnhom kienu ghall-konsum ta’ l-elettriku. Jikkonferma li kien sar *set-off* ta’ dan l-ammont bejnu u bejn is-socjeta’ attrici. Mallia jghid li rigward il-Lm15 (hmistax-il lira Maltin) tal-kera, l-meter kien tieghu u ghalhekk m’ghandux ihallas l-ammont kollu. Jghid li hu jrid ihallas b’rata domestika u mhux kummercjali ghaliex din kienet problema tas-socjeta’ attrici.

Jikkonferma li qatt ma hargu rcevuti ghad-diversi *set-offs* li kienu saru bejnu u bejn is-socjeta’ attrici. Qatt ma rcieva statements minghand Visa Investment Limited.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Louis Vella.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici fejn tghid illi Raymond Mallia kien accetta li skond ftehim li sar kien obbligat li jhallas ghall-konsum tad-dawl izda ma qabilx mal-hlas tal-kera tas-*sub-meter*. Is-socjeta’ attrici tghid ukoll illi Mallia jaqbel ma’ l-ammont ta’ *units* konsumati izda ma jaqbilx mar-rata li giet applikata. Tghid illi meta jezisti qbil bejn il-partijiet dwar il-hlas tal-konsum u dan fl-isfond tac-cirkostanzi maghrufa u cjoe’ li r-rata li thallas is-socjeta’ attrici hija dik kummercjali ma jistax wiehed jghid kif qieghed jipprova jghid Mallia li din ir-rata kellha tkun mhux dik kummercjali. L-arrangament kuntrattwali bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ provista ta’ dawl ghad illi s-socjeta’ attrici ma tipprovdix dawl izda kien ta’ hlas ghar-rifuzjoni ta’ dak l-ammont li talvolta jkollha thallas is-socjeta’ attrici kawza tal-konsum da parti tal-konvenut.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuti fejn Mallia jirreferi ghal li qal hu stess “<u>l-ammont kollu mitlub kien gie debitament imhallas jew *set-off* ma’ ammonti ohra dovuti</u>” u jghid illi Mark Sammut li deher ghas-socjeta’ attrici ma cahad bl-ebda mod dan il-hlas jew

tpacija. Mallia jghid ukoll li s-socjeta' attrici ma talbitx biex ittella' lil Mark Sammut sabiex jikkontradixxi lil Mallia jew ahjar jipprova l-kuntrarju. Jghid li rigward il-kiri tal-meter jekk kellhiex tkun fuq bazi kummercjali jew domestika, Mallia jghid li kienet is-socjeta' attrici li naqset mill-obbligu taghha li tipprovdi l-appartament residenzjali b'supply ta' elettriku ghall-uzu domestiku.

Illi fin-Nota' ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tghid li Brian Bugeja "jinsab ezentat minn kull responsabbilta' fir-rigward tal-materja taht ezami…kull responsabbilta' giet assunta mill-konvenut Raymond Mallia". Ghalhekk dan it-Tribunal se jillibera lill-konvenut Brian Bugeja mill-osservanza tal-gudizzju. Illi ghar-rigward il-Kontro-Talba ta' Bugeja s-socjeta' attrici tghid li din diga' tikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur Bugeja u ghalhekk ma kienx hemm lok tal-Kontro-Talba. Illi bhala fatt is-socjeta' attrici hi debitrici ta' Bugeja fl-ammont ta' Lm60 (sittin lira Maltin) u ghalhekk dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' attrici sabiex thallas lill-konvenut Brian Bugeja Lm60 (sittin lira Maltin). Illi s-socjeta' attrici lanqas ipprezentat Risposta ghall-Kontro-Talba tal-konvenut Bugeja.

Illi ghar-rigward l-ammont ta' Lm1,055.83c (elf u hamsa u hamsin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu) mitlub mis-socjeta' attrici minn Raymond Mallia jirrizulta li Mallia kien accetta li ghandu jhallas tad-dawl. Mallia jghid fir-Risposta li dan l-ammont gie "debitament imhallas jew pacut". Illi ghalhekk huwa Mallia li jrid jipprova jew hlas lis-socjeta' attrici jew li hu kien kreditur tas-socjeta' attrici u sar *set-off*.

Mallia jibda x-xhieda tieghu billi jghid "jekk hemm xi ammont dovut irrid inhallsu jiena". Mallia jaccetta li kien hallas Lm100 (mitt lira Maltin) bhala depozitu lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-uzu tad-dawl.

Mallia mbaghad qal li hallas Lm163.75c (mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) lis-socjeta' attrici jew lil Mark Sammut. Mallia qal li ghalhekk kellu jaghti bilanc ta' Lm125 (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin). Aktar tard ircieva kont ta' Lm858.86c (tmien mija

u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) minghand is-socjeta' attrici. Mallia qal li qatt ma rcieva rcevuta dwar is-*set-off*.

Illi dan it-Tribunal mhux konvint dwar is-*set-off* kif allegat mill-konvenut Mallia. A fol 43 tal-process il-konvenut esebixxa RM2 li huwa dokument li jidher li gie mnehhi minnu parti ta' fuq. Illi dan id-dokument ma jaghmilx referenza ghall-partijiet li suppost huma nvoluti. Certament dan mhux il-mod li jigu pprezentati provi. Illi fin-Nota tieghu Raymond Mallia jghid li Blye Engineering Company Limited kienet il-kreditrici. Illi biex ikun hemm *set-off* irid ikun dejn u kreditu bejn l-istess zewg persuni.

Mallia jghid ukoll li huwa kellu jhallas tad-dawl b'rati mhux kummercjali. Illi meta Mallia accetta li ser ihallas ghad-dawl ipprovdut mis-socjeta' attrici kien jaf jew missu kien jaf li bhala socjeta', s-socjeta' attrici kellha thallas b'rati kummercjali. Fir-Risposta tieghu ghal dan ir-Rikors Mallia ma jghidx li ma jaqbilx mar-rata izda biss li sar il-pagament jew pacut.

Illi Mallia jghid li t-total dovut minnu kien Lm1,070.21c (elf u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) (Ara dokument XYZ esebit a fol 45 tal-process).

Illi huwa jghid li hallas Lm100 (mitt lira Maltin) u Lm163.75c (mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) u jghid li sar *set-off* ta' Lm858.86c (tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu).

Illi kif diga' ntqal m'hemmx provi sufficjenti u konvincenti dwar l-allegat *set-off*.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici qal li hu stess ghamel il-*meter readings*. Il-konvenut Mallia jaccetta li kien hemm Lm1,070.21c (elf u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) dovut. Il-konvenut Mallia wkoll ma gabx xi hadd mill-Enemalta izda qal li l-ammont li semma hu gie kkonfermat minn Tony Caruana tal-Water Services Corporation.

Illi l-konvenut Mallia  ma cahadx li rcieva l-ittra datata 26 t'Awissu, 2000 (Dok. VIL1) u lanqas cahad li rcieva l-ittra nterpellatorja tal-24 ta' Lulju, 2001 u lanqas l-ittra ufficjali tas-16 t'Ottubru, 2001.  Ghal dawn l-ittri Mallia ma esebixxa ebda Risposta.  Dawn l-ittri ntbaghtu wara l-ittri ta' Mallia datati 7 t'Awissu, 1997 u 27 ta' Mejju, 1997. Jekk Mallia kien qieghed jippretendi li ghamel xi pagamenti in konnessjoni ma' l-ammonti msemmija fid-dokument VIL1 wiehed kien jippretendi li jsemmi dawn b'Risposta ghall-ittra datata 26 t'Awissu, 2000 u b'Risposta ghall-ittri sussegwenti.  L-istess ghandu jinghad ghall-allegat *set-off* (ara fol 43 tal-process) li jirrelata ghall-perjodu li jispicca f'Dicembru 1999.

Illi jirrizulta li Mallia kien xtara s-sub-meter u ghalhekk m'ghandux ihallas tal-kera tieghu.  Ghalhekk it-talba attrici trid titnaqqas bl-ammont ta' Lm15 (hmistax-il lira Maltin).

Fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut Mallia ma gabx provi konvincenti sabiex jipprova l-pagament jew *set-off* kif allegat fir-Risposta. Ghalhekk dan it-Tribunal filwaqt li jikkundanna lis-socjeta' attrici sabiex thallas lil Brian Bugeja Lm60 (sittin lira Maltin) u l-ispejjez ta' Brian Bugeja f'din il-kawza, jichad ir-Risposta tal-konvenut Raymond Mallia u jikkundanna lill-istess Raymond Mallia sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,040.83c (elf u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu) bl-imghax mit-30 ta' Mejju, 2003 u bl-ispejjez hlief ghal dawk diga' decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------